# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 617/01**

**Numru 36**

**Simonds Farsons Cisk Plc**

**vs**

**Joseph Fenech Soler**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba mija u wiehed u tlettin liri Maltin (Lm431) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lill-konvenut ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici ghall-uzu mill-konvenut fil-Malata Restaurant, Valletta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-21 ta' Mejju 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm431.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Mejju 2001 sad-data tal-pagment effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Mejju 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg